# Kunsill Reġjonali Lvant

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 14

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

It-Tlieta 22 ta' Novembru, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgfia.

Il-President fetafi din il-laqgfia billi awgura mill-ġdid lil Dott. Albert Buttigieg, li kien qed iservi bfiala Sindku ta’ San Ġiljan, gfiall-irwol ġdid tiegfiu bfiala Membru Parlamentari u ferafi lis-Sindku l-ġdid ta’ San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet ġiet infurmata li gfiall-laqgfiat tar-Reġjun ser ikun qed jattendi l-Viċi Sindku ta’ San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 14.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

14.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta’ apoloġija mingfiand is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, u mill-Viċi Sindku ta’ San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

14.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri b’mod unanimu.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 12 li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta’ Ottubru 20222 u tas-seduta b’urġenza li nżammet nhar il-Ħamis 3 ta’ Novembru 2022 kienu mefiuda bfiala moqrija.

14.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta’ Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sekondata mis-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 14.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Tnedija tal-Bolol Reġjonali*

14.3.1 Il-President irringrazzja lill-membri kollha li kienu preżenti gfial dan l-avveniment li nżamm nhar il-Ġimgfia 21 ta’ Ottubru 2022 ġewwa l-Malta Postal Museum, il-Belt Valletta.

14.3.2 Is-Sur Chircop żied jgfiid kif kien hemm domanda kbira malli dawn il-bolol ġew imfiabra fuq il-mezzi soċjali u nforma lill-membri li l-ordni gfial aktar bolol kienet gfiadha kemm waslet aktar kmieni filgfiodu.

14.3.3 *17:38pm – Is-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.*

- *Laqgħa ma’ Transport Malta*

14.3.4 Il-President informa lill-membri dwar l-eżitu ta’ din il-laqgfia li nżammet nhar Ħamis 20 ta’ Ottubru 2022 mal-Brigadier Jeffrey Curmi ġewwa l-uffiċċju ta’ Transport Malta flimkiem mas-Sur Michael Cohen u s-Sur Montebello.

14.3.5 Is-Sur Chircop spejga kif kienu ġew imressqa l-proposti dwar l-escooters kif ukoll dwar l-irmunkar ta' vetturi abbandunati fit-toroq. F'din il-laqgħa kkonfermaw li m'għandhomx post adekwat fejn ipoġġi karozzi abbandunati u dwar il-proċess sħiħ.

14.3.6 *17:40pm – il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.*

14.3.7 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif f'din il-laqgħa ġiet imressqa l-proposta dwar l-uffiċju amministrattiv tar-Reġjun peress li s-sit fil-preżent huwa ta' Transport Malta.

14.3.8 Is-Sur Chircop informa lill-membri li l-binja ta' wara qedha tintuża minn Transport Malta pero ser jikkunsidraw il-binja l-antika peress li din tinsab abbanundata.

14.3.9 Aġġornament dwar dan ser jingħata aktar 'il quddiem.

- *Laqgħa ta' konsultazzjoni ma' l-Onor. Alison Zerafa Civelli*

14.3.10 Il-President irrefera għal din il-laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Kunsill Lokali tas-Swieqi fejn preżenti kien hemm wkoll id-Direttur Ġenerali, s-Sur Natalino Attard.

14.3.11 Il-President irringrazzja lil dawk is-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi li kienu preżenti għal din il-laqgħa sabiex qajmu diversi punti li nittamaw li jiġu kkunsidrati.

14.3.12 Il-membri espremew ix-xewqa li l-punti li ġew imressqa, jiġu verament indirizzati u ma jerġgħux jiġu msemmija kull darba li jkun hemm dawn it-tip ta' laqgħat.

- *Konferenza Stampa* dwar il-Latrini Pubbliċi

14.3.13 Il-President informa lill-membri dwar din il-konferenza stampa li nżammet nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022, fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Belt.

14.3.14 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentati, Onor. Alison Zerafa Civelli, id-Direttur Ġenerali, Natalino Attard, id-Direttur ta' l-SPI, is-Sa Marisa Pisani, flimkien mal-Presidenti u Segretarji Eżekuttiv tal-Kunsilli Reġjonali. Is-Sur Chircop żied jgħid kif waqt din il-laqgħa tħabret b'mod uffiċċjali din l-iskema u ġew imressqa diversi punti dwar iż-żamma ta' dawn il-latrini.

14.3.15 Is-Sur Chircop qal ukoll kif fil-laqgħa li kienet inżammet b'urġenza fit-3 ta' Novembru 2022, il-membri kienu qablu li r-Reġjun għandu jġib aktar informazzjoni dwar latrini *fully automated* u jinġabru kwotazzjonijiet dwar dawn.

14.3.16 Is-Sur Chircop spjega kif mill-informazzjoni li nġabret, latrina waħda tiswa madwar €50,000 u €60,000 u ta spjegazzjoni dwar dawn it-tip ta' latrini.

14.3.17 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan, ġie deċiż sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib kwotazzjonijiet mingħand żewġ kuntatti li ġew imressqa mill-membri preżenti u din l-informazzjoni tiġi ppreżentata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Regional Sports Day*

14.3.18 Il-President informa lill-membri dwar dan l-avveniment li nżamm nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2022 wara li kienet wieqfa sentejn minħabba l-pandemija. Kienet waħda ta' suċċess fejn kien hemm parteċipazzjoni ta' madwar erba mitt tifel u tifla minn tmien skejjel tal-Gvern fi ħdan ir-Reġjun.

14.3.19 Is-Sur Chircop spjega kif għal dan l-avveniment kien hemm preżenti l-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Onor. Alison Zerafa Civelli, u l-Kelliem għall-Oppożizzjoni, Onor Darren Carabott.

14.3.20 Is-Sur Chircop esprima li filwaqt li jifhem li kulħadd ikun impenjat filgħodu, kien ftit diżappuntat li s-Sindki ma kienux preżenti waqt dan l-avveniment ħlief is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow.

- *Il-Pixxina tan-Neptunes W.P.S.C*

14.3.21 Il-President fakkar lill-membri kif l-użu għal din il-pixxina bdiet minn nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2022 u fakkar kif din tistà tiġi wżata minn persuna 'l fuq minn sittin sena u kif kull Kunsill Lokali huwa obligat li jgħati l-biljetti li ġew provduta mir-Reġjun skond l-iskeda li ġiet mgħotija. Din l-iskema ser tkun għal perjodu ta' ħames snin minn Ottubru sa' l-aħħar ta' Mejju ta' kull sena.

14.3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom il-van tal-Kunsill, jistgħu joffru transport b'xejn li dawn ir-residenti li jkunu jixtiequ jmorru jgħamlu użu minn din il-pixxina.

- *Laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali*

14.3.23 Il-President informa lill-membri dwar din il-laqgħa li ser tinżamm fi ħdan ir-Reġjun għall-ewwel darba taħt din il-kompożizzjoni ġdida sabiex jiġu diskuti l-problemi li qed ikun hemm fil-Kunsilli Lokali u anke sservi ta' opportunità biex jiġu diskussi l-ideat.

14.3.24 Is-Sur Chircop qal ukoll kif tajjeb li din il-laqgħa tkun waħda li tinżamm b'mod regolari.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

14.4.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 14.5 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

14.5.1 Il-President informa lill-membri kif hu flimkien mas-Segretarji Eżekuttiv u l-Maniger ta' l-iskart, Ryan Zammit, attendew għall-laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Ministeru ta' l-Ambjent, Enerġija u Intrapriża f'Santa Venera. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Segretarju Permanent ta' l-Onor. Miriam Dalli, id-Direttur Ġenerali, Natalino Attard, il-President ta' l-AKL, Mario Fava, rappreżentanti minn ERA U Wasteserv. Din il-laqgħa kienet għal Presidenti, Segretarji Eżekuttivi u l-Maniġers responsabli mill-Waste tal-Kunsilli Reġjonali.

14.5.2 Il-President irrefera wkoll għall-korrispondenza li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand id-Direttur Ġenerali nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022, fejn is-Sur Attard spjega kif huma ġew infurmati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kif f-każ tat-tenders tan-Nofsinhar, Lvant u Punent, dawn ġew aġġudikati u għada t-18 ta' Novembru jagħlaq iż-żmien tal-appell.

14.5.3 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif lejliet din il-laqgħa tar-Reġjun kien għadu kif ġie nfurmat dwar l-isem ta' min ser ikun il-kuntrattur u kif id-Diviżjoni ċemplu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħmel kuntatt

14.5.4 magħihom u tinfurmhom li għandhom jaċċettaw l-kuntratt u jissottomettu d-dokumenti meħtieġa fi żmien stipulat.

14.5.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kif peress li t-*tenders* ġew maħruġa mill-istess direttorat għan-nom tal-kunsilli reġjonali, il-kuntratt ser jiġi ffirmat mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Kuntratti, liema Diviżjoni ser tassigura li l-proċess isir b'mod spedit. Naturalment il-kuntrattur magħżul ikun irid jitkellem mal-Kunsilli Reġjonali dwar il-modalitajiet tal-operat tat-tender, inkluż meta jkun ser jinbeda s-servizz ma' dak il-Kunsill Reġjonali.

14.5.6 Is-Sur Chirop spjega lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv talbet aġġornament lis-Sur Natalino Attard jekk kienx hemm xi appell fuq is-sejħa ta' dan ir-Reġjun. Is-Sur Attard infurmana li ma kien hemm l-ebda appell u l-bieraħ ġejna nfumati li l-kuntrattur ta' dan ir-Reġjun huwa Galea Cleansing Solutions JV. Għal din ir-raġuni, s-Segretarji Eżekuttiv għamlet kuntatt mas-Sur Chris Galea sabiex tinfurmah li fi żmien għaxart ijiem il-kumpanija trid tapprova din l-*award* u sabiex jiġu sottomessi l-*compliance certificates.*

14.5.7 Is-Sur Chircop qal ukoll kif ftit tal-ħiin qabel din il-laqgħa tar-Reġjun, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Ryan Zammit u Andrea Borg Brincat kienu preżenti għall-laqgħa li ġiet imsejħa l-bieraħ filgħaxija mid-Diviżjoni dwar dan is-suġġett. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna l-Presidenti, s-Segretarji Eżekuttivi u l-Maniġers responsabbli mill-iskart.

14.5.8 Is-Sur Chircop spjega kif il-membri ser ikunu aġġornati malli jkun hemm l-inqas żvilupp fuq dan is-suġġett.

## 14.6 Vakanzi fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq il-pożizzjoni ta' Clerk mat-Tribunal Lokali*

14.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif hekk kif kien ġie deċiż l-persuna adegwata, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sa Chappell fejn din aċċettat il-pożizzjoni. Madanakollu ftit ġranet wara nfurmata li kienet iddeċiet li ma tieħux din il-pożizzoni.

14.6.2 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt mat-tieni preferenza pero dan infurmana li ma setax jaċċetta din il-pożizzjoni minħabba x-xogħol tiegħu li diġa għandu fuq bażi *full time*. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt mat-tielet persuna, is-Sur Albert Gatt, fejn dan aċċetta din il-pożizzjoni u beda l-impjieg tiegħu minn nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2022.

- *Uffiċjali Reġjonali*

14.6.3 Il-President informa lill-membri kif nar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Simon Agius dwar kandidati eleġibbli għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal responsabbli mill-Fondi lokali/EU.

14.6.4 Is-Sur Chircop spjega kif b'kollox kien hemm kandidata waħda u kif s-Segretarju Eżekuttiv talbet lil din l-impjegata sabiex tikkonferma jekk xtaqietx tattendi għal intervista. Madanakollu l-applikanta infurmatna li kienet leħqet sabet pożizzjoni oħra peress li din is-sejħa kienet ilha li nħarġet minn Awwissu 2022. Id-Diviżjoni ġiet infurmata immedjatament dwar dan.

- *Clerk (Skala 15) fuq bażi full time mar-Reġjun Lvant*

14.6.5 B'referenza għal din il-pożizzjoni, l-President informa lill-membri dwar il-ħtieġa li jiġi mpjegata persuna oħra sabiex tkun t'għajnuna fix-xogħol amministrattiv tar-Reġjun.

14.6.6 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

14.6.7 *19:00pm – is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, talbet li tkun skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 14.7 Items ofira ta' Xogfiol iefior tar-Regjun li jkunu mefitiega.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

14.7.1 Il-President informa lill-membri kif il-bord kompost mis-Sur John Pillow, is-Sa Yvonne Bartolo u S-Sur Conrad Borg Manche flimkien miegfiu bfiala President u s-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgfiu nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2022 fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun sabiex issir l-evalwazzjoni tal-bids li ġew ippreżentati fuq is-sistema ta' l-EPPs. L-evalwazzjoni saret minn żewġ persuni biss.

14.7.2 Il-President spjega kif qed jinsistu wara l-afifiar evalwatur sabiex jikkonkludi l-evalwazzjoni tiegfiu mill-aktar fis possibli sabiex din is-sejfia tiġi konkluża. Aġġornament dwar dan ser jingfiata fil-laqgfia li jmiss.

- *Malta Digital Innovation Authority – Innovative Technology in Local Communities Scheme*

14.7.3 B'referenza gfial din l-iskema, il-President spjega kif wara diskussjoni li kienet inżammet fl-afifiar laqgfia tar-Reġjun, ġiet sottomessa applikazzjoni f'isem il-Kunsilli Lokali fi fidan ir-Reġjun sabiex jinxtraw *smart bins*.

14.7.4 Is-Sur Chircop spjega kif il-proposta sabiex jinxtara apparat li jitkejjel il-fioss ma setgfiatx issir minfiabba li l-ammont kien wiefied żgfiir.

14.7.5 Aġġornament dwar dan jingfiata kif ikun hemm deċiżjoni.

- *Kunsill Lokali ta' l-Imsida*

14.7.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingfiand dan il-Kunsill Lokali sabiex jibbenefika mill-Fondi gfial ''Proġetti b'Kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fi fidan Il-Kunsill Reġjonali Lvant gfias-sena 2022.

14.7.7 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' l-gfiaqdiet fil-lokalità ser jgfiamel xogfiol ta' manutenzjoni fuq il-bejt tal-mafiżen tal-Kumitat Festa Esterna San Ġużepp gfiall-ammont ta' €596.35; tinxtara printer gfiall-Imsida Youth Nursery gfiall-prezz ta' €249.00; issir irfiama kommemorattiva f'gfieluq il 100 sena anniversarju min meta twaqqfet mal-Gfiaqda Melita Banda San Guzepp gfiall-ammont ta' €1,654.85.

14.7.8 Is-Sur Chircop spjega ukoll kif b'referenza gfiall-proġette kulturali, sports, mużika, Jum il-Lokal u Baned, dan il-Kunsill ser jonfoq l-ammont ta' €1,991.10 gfial organizzazzjoni tal-konferenza Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants; €3,512.57 gfial attivitajiet marbuta ma Ġimgfia Msida; €4,573.20 gfial attivitajiet marbuta ma Sajf fil-Pjazza; €2,792.54 Gfial Avvenimenti u Sport marbuta ma' attività ta 'l- anzjani, sport u sigurtà waqt il-festa lokali; €2,130.59 gfiall-attività marbuta mal-Milied 2022.

14.7.9 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan ir-Reġjun ser jonfoq l-ammont ta' €35,000 sabiex issir bankina ġo Triq Esperanto.

14.7.10 Is-Sur Chircop żied jgfiid ukoll kif dan il-Kunsill kien qiegfied iressaq it-taba tiegfiu sabiex dekorazzjoni tad-dawl ġewwa Triq f'Rue D'Argen u *fairy lights* gfias-siġar f'Misrafi San Gużepp gfiall-ammont ta' €3,000.

14.7.11 Il-membri preżenti approvaw din t-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

14.7.12 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex flimkien ma' Lija Iklin Football Youth Academy tiżviluppa anke fid-dawl tat-teknoloġija li tgħin u tassisti lill-coaches, assistenti, u sintendi lit-tfal tan'Nursery biex itejbu l-ħiliet tagħhom. Fuq dan il-punt, il-Kunsill iddeċieda li mhux biss ikompli jinvesti fit-tfal permezz tl-għajnuna li tintalab minn żmien għal zmien imma li jinvesti wkoll f'teknoloġija biex it-tfal jitgħallmu mill-performances tagħhom permezz ta' VEO Technology li hija kruċjali għall-akkademja biex ittejjeb l-analiżi tal-partiti u l-evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet.

14.7.13 F'dan ir-rigward, il-Kunsill qabel unanimament li jinvesti f'din it-teknoloġija biex tgħin fl-iżvilupp tat-tfal ta' Nursery. Peress li l-Kunsill Reġjonali Lvant għandu fond speċjali ddedikat għall-isport, qed ġentilment japplika għal dan il-fond biex jikseb fondi għal dan l-iskop. L-ammont għal dan il-proġett huwa ta' Eur2,698.66c .

14.7.14 Il-membri preżenti approvaw din t-talba b'mod unanimu.

14.7.15 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti dwar dawk il-Kunsilli Lokali li kienu għadhom ma ressqu l-ebda talba sabiex jinżammu proġetti fil-lokalità rispettiva tagħhom.

14.7.16 Is-Sur Chircop qal li jekk dawn il-fondi ma jintużawx, dawn jistgħu jintużaw għall-avvenimenti sportive li għandhom jinżammu matul is-sena li ġejja minħabba l-*European Region of Sports 2023.*

- *European Region of Sport 2023*

14.7.17 B'referenza għal dan it-titlu, il-Presidenti ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw bnadar weqfin sabiex jitpoġġew li ser jitpoġġew quddiem il-bini ta' kull Kunsill Lokali u f'postijiet pubbliċi sabiex jilħqu ammont ta' nies, kif ukoll sabiex tinxtara *roll up banner* ftit imdaqsa li ser tintuża kull darba li jkun hemm mir-riżultati ta' kull logħob li jinżamm.

14.7.18 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Flags and Banners.

14.7.19 Il-President għamel referenza għal *Gala Awards* li għandhom jinżammu nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2022, u fakkar lill-membri kif fil-laqgħa preċedenti dan ir-Reġjun kien qabel li f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant ser ikun hemm preżenti hu bħala President, flimkien mal-Viċi President, Max Zammit u s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

14.7.20 Is-Sur Chircop spjega kif għal din is-serata kellu jiġi ppreparat filmat qasir sabiex jintwera waqt li tkun qed tiġi ppreżentata din l-għotja. Għal din ir-raġuni l-bord ta' l-isports tkellem dwar dan fil-laqgħa li kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022 kien ġie deċiż sabiex dan il-filmat li jitratta fuq sports u r-Reġjun ikun ippreparat mis-Sur Charles Ahar għal prezz ta' €2,360 (Vat inkluż). Dan il-filmt ġie iffinalizzat u sottomes fiż-żmien stiuplat.

14.7.21 Marbut mal-Gala Awards, dan ir-Reġjun ġie infurmat minn ACES Europe li ser tkun qed tinżamm fl-istess serata fejn il-prezz ser ikun ta' €60 kull persuna. Dan il-pagament kellu jsir b'mod immedjat u b'hekk il-pagament kellu jiġi mħallas qabel din il-laqgħa.

14.7.22 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex fit-tnedija uffiċċjali li ser tinżamm f'Jannar 2023, ir-Reġjun jistieden lill-President u s-Segretarju ta' ACES Europe.

14.7.23 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif għal dan il-għan inġabru kwotazzjonijiet sabiex dan ir-Reġjun ikollu kumpanija li tieħu ħsieb il-m*arketing* kollu għal waqt dawn l-avvenimenti. Għal din ir-raġuni, is-Sur

Chircop ressaq fuq il-mejda il-kwotazzjonijiet miġbura u spjega kif l-bord ta' l-isport iltaqgfiu nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022 u qabel li dan ix-xogfiol gfiandu jsir minn Media Trendz.

- *Art for All*

14.7.24 B'referenza gfial dan il-proġett, il-President spjega kif dawn il-lezzjonijiet li kienu qed jinżammu fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kienu ġew fi tmiemhom ftit tal-ġimgfiat ilu. Gfial din ir-raġuni qed isiru l-preparamenti mefitieġa sabiexx tinżamm avveniment lill-artisti flimkien mal-familjari tagfihom fejn ser issir ezebizzjoni ta' l-arti li saret minn dawn l-istudenti nhar il-Ġimgfia 3 ta' Marzu 2022, ġewwa Palazzo Ferreria, il-Belt.

14.7.25 Il-President spjega kif gfial dan il-gfian ser ikun qed jiġi ppreparat filmat qasir li ser ikun qed jintwera kemm fuq il-mezzi soċjali kif ukoll waqt li tkun gfiaddejja din l-eżebizzjoni wara li tkun inżammet it-tnedija uffiċjali.

14.7.26 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif il-Minsitru Falzon u l-Ministeru gfiall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal ser ikun qed jgfiin sabiex tinżamm din it-tnedija.

14.7.27 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex isir dan il-filmat. Il-membri preżenti approvaw b'mod unanimu lis-Sur Xylon Bistrow sabiex jipprepara dan il-filmat.

14.7.28 Gfial dan il-gfian qed jiġi mressqa kwotazzjonijiet sabiex isir dan il-filmat qasir.

- *Malta Beekeepers Association*

14.7.29 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgfia li hu kellu mal-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat ma rappreżentant tal- is-Sur Manuel Xuereb, nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2022 dwar il-Memorandum u l-preżenza tal-hornets.

14.7.30 Is-Sur Chircop spjega kif il-qbil tal-Kunsill Reġjonali tal-Lvant ma' dan il-Memorandum jirreferi gfial sempliċiment qbil mal-isforzi tal-Memorandum; madankollu, ma jordna lill-Kunsilli Lokali gfial xejn. B'riżultat ta' dan, meta tikkawża periklu, il-fiaxix selvaġġ jista' jiġi mirqum/jitnefifia.

14.7.31 Fuq din l-ispjegazzjoni, il-membri preżenti approvaw l-iffirmar ta' dan il-memorandum b'mod unanimu.

14.7.32 Il-President żied jispjega dwar il-problema tal-hornets u dwar in-nases tal-kolla jistgfiu jitqiegfidu f'postijiet ideali.

14.7.33 Is-Sur Chircop qal ukoll kif ser tkun qed tiġi organizzata tafidita dwar dan is-suġġett mal-persuna kkonċernata u l-membri tal-Kunsill Lokali fil-bidu tas-sena d-diefila.

- *Malta Cooperative Federation*

14.7.34 B'referenza gfial din il-federazzjoni, is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti dwar laqgfia li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022 bejn il-bord kompost minnu bfiala President flimkien mas-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv mar-rappreżentanti ta' din il-federazzjoni, is Sur John Mallia, u is-Sur Victor Fiorini.

14.7.35 Il-President spjega kif waqt din il-laqgfia ġiet diskussa l-idea li jkun hemm kooperattiva li tgfiin waqt il-fiinijiet li t-tfal ikunu defilin u fierġin mill-iskejjel u kif gfial din ir-raġuni ġejna mitluba nressqu mill-inqas

ħafna isimijiet ta' persuni fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun li jkunu nteressati jipparteċipaw f'din il-kooperattiva.

14.7.36 Is-Sur Chircop fieġġeġ lill-membri sabiex jgħaddu dawn l-ismijiet lis-Segretarja Eżekuttiv sabiex tiġi kkoordinata laqgħa magħhom dwar dan.

- *L-Ikla tal-Milied*

14.7.37 Il-President informa lill-membri kif l-ikla tal-milied għal-membri tar-Reġjun kif ukoll għall-istaff ser tkun qed tinżamm nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2022 ġewwa Team Sports Bar, Ħal Lija. Dan ser ikun qed jinżamm wara l-laqgħa tar-Reġjun.

- *Movember*

14.7.38 Il-President informa lill-membri dwar il-logħiba tal-futbol li kienet ġiet organizzata minn dan ir-Reġjun nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2022 ġewwa Luxol Ground, Pembroke.

14.7.39 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri dwar it-tielet u l-aħħar avveniment b'risq il-kampanja Pink Movember tournament tal-billiard li ser ikun hemm nhar il-Ħamis li ġej fis-6 ta' filgħaxija ġewwa Każin Sant'Andrija, Ħal Lija, fejn ser ikun hemm billiard tournament. Il-flus miġbura waqt dan l-avveniment ser ikun qed imur b'risq il-Marigold Foundation.

## 14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

14.8.2 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Dorian Sciberras, sekondat mis- Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 11A u 11B.

14.8.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 14.9 Mozzjonijiet

14.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 14.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2022.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2022.

Iffirmati | Iffirmati

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv